

Brussell, 21 ta' Settembru 2020
(OR. en)

10920/20

MAMA 126
DEVGEN 121
MA 7

EŻITU TAL-PROĊEDIMENTI

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Delegazzjonijiet
Nru. dok. preċ.: 9689/20	
Suġġett:	Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar ir-Rapport Speċjali Nru 09/2019 tal-Qorti tal-Awdituri bit-titolu "Appoġġ mogħti mill-UE lill-Marokk - Sa issa riżultati limitati"

Id-delegazzjonijiet isibu fl-anness il-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar ir-Rapport Speċjali Nru 09/2019 tal-Qorti tal-Awdituri bit-titolu "Appoġġ mogħti mill-UE lill-Marokk - Sa issa riżultati limitati", kif approvati mill-Kunsill (Affarijiet Barranin) fil-21 ta' Settembru 2020.

**KONKLUŻJONIJIET TAL-KUNSILL DWAR IR-RAPPORT SPEĊJALI NRU 09/2019
TAL-QORTI TAL-AWDITURI BIT-TITOLU "APPOĠĠ MOGĦTI MILL-UE LILL-
MAROKK - SA ISSA RIŻULTATI LIMITATI"**

1. Il-Kunsill jirringrazzja lill-Qorti Ewropea tal-Awdituri għar-Rapport Speċjali tagħha Nru 09/2019 "Appoġġ mogħti mill-UE lill-Marokk", ippubblikat fil-11 ta' Diċembru 2019.
2. Il-Kunsill jinnota l-apprezzament mill-Qorti li l-Kummissjoni Ewropea għamlet analiżi tar-riskju u valutazzjoni tal-ħtiġijiet xierqa, li abbażi tagħhom hija qieset li l-Appoġġ Baġitarju kien l-għażla t-tajba tal-istrument biex tingħata l-għajnuna matul il-perijodu 2014-2018.
3. Il-Kunsill jieħu nota sew tar-rakkomandazzjonijiet magħmula mill-Qorti dwar l-għadd kbir ta' setturi koperti mill-kooperazzjoni fl-appoġġ baġitarju tal-UE u jaqbel li l-benefiċċji tal-appoġġ baġitarju għandhom jiġu massimizzati b'mod partikolari billi tiġi żgurata konċentrazzjoni akbar fuq inqas oqsma u billi jissaħħu d-djalogu u l-ipprogrammar konġunt bejn is-sħab. Il-Kunsill jieħu nota wkoll tal-konklużjoni tal-Qorti rigward il-valur miżjud tal-appoġġ baġitarju pprovdut bejn l-2014 u l-2018 fil-Marokk u l-kapaċità tiegħu li jappoġġa r-riformi. Il-Kunsill japprezza l-kamp ta' applikazzjoni kbir ħafna tas-sħubija bejn l-UE u l-Marokk, l-ambizzjonijiet fuq firxa wiesgħa tal-aġenda ta' riforma segwita mill-awtoritajiet Marokkini u l-importanza li jinżammu l-prevedibbiltà u l-kontinwità fil-kooperazzjoni futura bejn l-UE u l-Marokk.
4. Il-Kunsill ifakkar fiċ-ċirkostanzi partikolari msemija fir-Rapport Speċjali u li jaffettwaw is-sħubija bejn l-UE u l-Marokk matul il-perijodu ta' żmien ivvalutat (2014-2018). Dawn iċ-ċirkostanzi ħolqu sfidi speċifiċi għar-relazzjonijiet bilaterali, inkluż għat-tnedija normali tal-operazzjonijiet ta' appoġġ baġitarju.
5. Il-Kunsill iqis li n-nuqqas ta' djalogu politiku matul il-biċċa l-kbira tal-perijodu eżaminat illimita ħafna d-direzzjoni strateġika u l-iskambji bejn is-sħab, u dan imbagħad xekkel l-effett li seta' jkollhom id-djalogi dwar il-politika settorjali. F'dan ir-rigward, l-osservazzjonijiet tal-Qorti għandhom jitqiesu kif dovut għall-ġejjieni, inkluż fit-tħejjija taċ-ċiklu tal-ipprogrammar pluriennali li jmiss, biex is-sħubijiet isiru saħansitra aktar effettivi. Għalhekk, il-Kunsill iħeġġeġ lill-Marokk, lis-SEAE u lill-Kummissjoni biex ikomplu d-djalogu politiku tagħhom li dan l-aħħar ġie intensifikat fil-kuntest ta' sħubija msaħħa mill-ġdid bejn l-UE u l-Marokk sabiex jingħata appoġġ lid-djalogi dwar il-politika settorjali u tkun tista' ssir valutazzjoni regolari tal-prijoritajiet operazzjonali.

6. Fir-rigward tar-rakkomandazzjonijiet tal-Qorti dwar l-implimentazzjoni tal-programmi ta' appoġġ baġitarju tal-UE, il-Kunsill jaqbel mal-fehma tal-Qorti li huwa essenzjali li jkomplu jiġu identifikati aħjar u jintlaħaq qbil reċiproku mal-Marokk dwar indikaturi tal-prestazzjoni ambizzjużi, ċari u speċifiċi, li jipprovdu inċentivi għal riformi bbażati fuq strateġiji settorjali kredibbli, li jorbtu l-iżborż b'mod effettiv mal-kisba sodisfaċenti ta' dawn l-indikaturi.
7. Il-Kunsill itenni l-importanza ta' monitoraġġ mill-qrib tal-operazzjonijiet ta' appoġġ baġitarju. Huwa japprezza l-aċċettazzjoni mill-Kummissjoni tar-rakkomandazzjonijiet dwar it-titjib tal-proċeduri ta' monitoraġġ, b'mod partikolari billi jissaħħa il-monitoraġġ tal-indikaturi tal-istrateġiji settorjali. Il-Kunsill jilqa' l-isforzi li qed isiru biex jitjiebu l-oqfsa għall-monitoraġġ tal-istrateġiji settorjali.
8. Il-Kunsill jagħraf ukoll li l-Kummissjoni u s-SEAE fittxew attivament li jiżguraw il-kooperazzjoni tal-Marokk fl-implimentazzjoni effettiva tal-appoġġ finanzjarju tal-UE, u jappella lill-awtoritajiet Marokkini biex jieħdu aktar passi li jgħinu biex tiżdied aktar l-effiċjenza fil-ġestjoni u l-implimentazzjoni tal-assistenza finanzjarja tal-UE.
9. Il-Kunsill jirrikonoxxi li, kif osservat il-Qorti, l-appoġġ tal-UE ma kienx viżibbli biżżejjed matul il-perijodu taħt eżami, u dan ħoloq sfidi speċifiċi. Huwa jhegġegħ lill-Kummissjoni u lill-Marokk biex jiżguraw viżibbiltà aħjar tal-appoġġ tal-UE, bħala eżempju tas-sħubija mgħadda bejn l-UE u l-Marokk.
10. Il-Kunsill jinnota b'interess partikolari l-kooperazzjoni u d-djalogu li qed jiżdiedu bejn il-Qorti tal-Awdituri tar-Renju tal-Marokk u l-kontropartijiet tiegħu Ewropej, inkluż il-Qorti tal-UE, u jħeġġiġhom ikomplu d-djalogu tagħhom bejn il-pari.
11. Kif enfasizzat il-Qorti, koordinazzjoni aktar mill-qrib bejn id-donaturi hija kruċjali biex tiżgura assistenza aktar iffukata u effiċjenti, tevita d-duplikazzjoni u tippromwovi s-sinerġiji. F'dan ir-rigward, ser tkun partikolarment rilevanti żieda fl-isforzi għall-ipprogrammar konġunt mill-UE bejn il-Kummissjoni u l-Istati Membri. Waqt li huwa veru li l-UE għandha rwol attiv fil-koordinazzjoni ġenerali tad-donaturi, mekkaniżmu stabbilit sew immexxi mill-Marokk huwa utli u għandu jiffoka l-isforzi tiegħu fuq l-aktar ħtiġijiet importanti tal-Marokk.

12. Il-Kunsill jappella lis-SEAE, lill-Kummissjoni, kif ukoll lill-Istati Membri individwali u lill-Marokk, biex iqisu t-tagħlimiet meħuda u jinkorporaw l-osservazzjonijiet u r-rakkomandazzjonijiet tal-Qorti għall-ġejjieni. Huwa jinnota b'sodisfazzjon l-indikazzjoni tal-Kummissjoni li diġà qed isiru sforzi biex dawn jiġu implimentati u jistenna b'interess ir-rapport tal-Kummissjoni dwar l-implimentazzjoni.
13. Il-Kunsill jinnota li l-Marokk jinsab fil-proċess li jfassal mudell ta' żvilupp nazzjonali mġedded, li mistenni wkoll jindirizza l-isfidi għall-irkupru soċjoekonomiku wara l-COVID-19, u jista' jipprova qafas koerenti għall-kooperazzjoni għall-iżvilupp. Il-kooperazzjoni tal-UE għandha tikkunsidra kif l-aħjar tappoġġa lill-gvern Marokkin fil-ħidma tiegħu biex jadotta u jimplimenta r-riformi identifikati bħala meħtieġa, kif ukoll fl-isforzi tiegħu biex itaffi l-konsegwenzi tal-pandemija tal-COVID-19. Fid-dawl ta' dan, is-SEAE u l-Kummissjoni għandhom isegwu djalogu politiku u strateġiku multidimensjonali mal-kontropartijiet Marokkini, inkluż is-soċjetà ċivili. Konxju bis-ših mill-aspettattivi soċjoekonomiċi u politiċi tal-poplu Marokkin għat-tkomplija u l-avvanz fl-aġenda tiegħu ta' riforma, il-Kunsill jenfasizza l-importanza li l-kooperazzjoni tal-UE mal-Marokk tiżviluppa f'konformità mad-Dikjarazzjoni Politika Konġunta bejn l-UE u l-Marokk ta' Ġunju 2019, biex b'hekk tingħata spinta ġdida lill-iżvilupp ta' šhubija ġenwina ta' prosperità kondiviża Ewro-Marokkina. F'konformità mar-rakkomandazzjoni tal-Qorti, din il-kooperazzjoni għandha tiġi evalwata kontinwament, sabiex tagħti l-aħjar effett u impatt.
-